**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA’ REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 5 ta' Novembru, 2018**

Numru 13

**Appell Nru. 33/2018**

**Malta Mariculture Limited**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**
**(gia l-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Malta Mariculture Limited tat-23 ta’ Mejju 2018 mid-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-3 ta’ Mejju 2018 li ma tilqax ir-revoka ta’ enforcement notice 405/16;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra

Qabel xejn it-Tribunal irid jiddeciedi dwar rikors maghmul mill-Awtorita' datata 30 ta' Ottubru 2017 fejn talbet l-isfilz ta' nota dokumentarja mressqa mill-Appellanti fis-27 ta' Ottubru 2017. L-appellanti argumentaw li din it-talba kienet frivola u vessatorja.

It-Tribunal jichad it-Talba tal-Awtorita' stante illi d-dokumenti relattivi jiffurmaw parti tal-case history tas-sit in mertu u ghalhekk it-Tribunal kien ikollu kull dritt li jirreferi ghalih bhala parti mill-ECF files relattiv.

Dwar l-aggravji citati mill-appellanti fin-nota ta' sottomissjonjiet relattiva t-Tribunal jirrimarka li apparti l-aggravju dwar il-multa, laggravji l-ohra ma gewx indikati fir-rikors tal-appell u ghalhekk it-Tribunal huwa prekluz minn jezaminahom

It-Tribunal ta' Revizjoni hu marbut mal-aggravji pprezentati u ghandu jikkonsidrahom fil-limiti kif maghmula. Mhux ilkompitu tat-Tribunal li jqis aggravji mhux maghmula jew inseriti permezz ta' nota ta' sottomissjonijiet sakemm ma jqis li hemm pregudizjali fil-process, ta' natura ta' ordni pubblika fejn allura ghandu l-obbligu li jressaq dan il-pregudizjali lil partijiet biex ikollhom l-opportunita li jindirizzawh kif imiss. It-Tribunal ghandu wkoll l-obbligu li jqis is-sottomissjonijiet tal-parti aggravata b'dan pero ghandu jikkunsidrahom fid-dawl tal-aggravju maghmul u ebda sottomissjoni ma ghandha tigi kunsidrata jekk issir fiha infisha aggravju gdid. (30 ta' Marzu, 2017 Appell Nru. 23/2016 Hector Borg, Mark Azzopardi u Patrick Calleja vs L-Awtorita tal-Ippjanar (gia L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) u l-kjamat in kawza Joseph Bezzina)

L-AGGRAVJU procedurali mqajjem mill-Appellanti huwa illi skond l-appellanti l-Awtorita' ma kellhix dritt li timponi multi fil-kaz odjern. Dana ghaliex, skond l-appellanti, l-imponibilita' tal-istess jiddependi minn sejbien ta' htija, minn Qorti u wara responsabbilta' skond il-ligi. Dwar dan it-Tribunal jaghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

i. Il-ligi tal-Enfurzar hija mfassla tali sabiex l-Awtorita' bhala tali jkollha l-jedd li timponi l-multi. Il-kwistjoni ta' sejbien ta' htija tapplika fil-ligijiet kriminali u mhux dawk amministrattivi bhal ma huma dawk in ezami. Apparti dan hawn si tratta ta' ligi specjali bir-regoli ad hoc li japplikaw unikament ghaliha – dejjem bir-rabta ta' principji generali.

ii. L-Awtorita' timponi multa fuq l-assersjoni taghha stess li hemm illegalita'. Din l-assersjoni temergi mill-Avviz ta' twettiq. Lavviz huwa dejjem impunjabbli minn min jircevieh u dana permezz ta' appell – bhal dak odjern. Il-multa ma tigix applikata jekk jirrizulta li dak li hemm indikat fl-avviz huwa inkorrett (jew jekk l-avviz innifsu huwa skorrett ghal xi raguni). Ghalhekk ilmulti jigu applikati biss jekk ma jsir appell xejn jew jekk l-appell jigi michud. Hija ghalhekk kwistjoni ta' fatt.

iii. Il-ligi tghid (Artikolu 3 tal-Avviz legali 276 tat-2012) (1) Where the Authority gives notice in writing to a person in accordance with article 86 or article 88 of the Environment and Development Planning Act in relation to an infringement carried out after the date of coming into force of these regulations, it shall also notify such a person that he shall be liable to a fine for every day after sixteen days from the date of notification of the notice as established and set out in accordance with the provisions of the Schedule to these regulations.

iv. L-Awtorita' applikat dan l-artikolu korrettement fuq il-fatti li kellha quddiemha.

v. Ghalhekk it-Tielet aggravju huwa michud.
vi. L-AGGRAVJU principali fl-appell odjern huwa fattwali, fis-sens li l-appellanti jistqarr li dak allegat fl-avviz ta’ twettiq huma michuda u ghandhom jigu michuda.
vii. Mill-provi dokumentarji prodotti kif ukoll mix-xhieda ta’ Aimee Brincat, Kevin Gauci u Ruth Ciarlo gie abbondantement pruvat li l-kontenut tal-avviz kien fattwalment veru. Kien hemm ksur ta’ kundizzjonijiet imsemmija fl-avviz billi:
• Il-gageg ma gewx posizzjonati skond il-permess 1741/01
• Id-daqs u numru tal-gageg ma gewx rispettati skond l-istess permess
Kien hemm ukoll ksur tal-kundizzjonijiet fl-istess Permess li kienu jirrikjedu li l-appellanti jaghmel sottomissjonijiet bilmiktub ta’ monitoragg fuq is-sit. Dana ma sarx.
viii. Irid jizdied jinghad illi l-appellanti ma gab ebda prova illi l-posizzjoni, daqs u numru ta’ gageg gew rispettati. Lanqas ma gab prova ta’ monitoragg bi sottomissjonijiet relattivi.
ix. Dan l-aggravju huwa ghalhekk michud.

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad l-appell interpost u jikkonferma L-Avviz ta’ Twettiq b’Emergenza EC 405/16.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:

1. It-Tribunal iddecieda hazin u mhux skont il-ligi billi l-ordni b’emergenza ta’ twaqqif inhareg skont l-artikolu 97(4) tal-Att VII tal-2016 mic-Chairperson Ezekuttiv meta jemmen li jkun hemm periklu imminenti ghall-ambjent. Tali ordni kellha tinhareg fuq bazi ta’ ragonevolezza fuq kriterji oggettivi. Din il-prova kellha tirrizulta mill-atti pero fil-fatt dan ma jirrizultax. Minflok it-Tribunal tefa’ l-oneru li ma kienx hemm periklu fuq l-appellant minghajr ma ikkunsidra l-ewwel jekk c-Chairperson Ezekuttiv xehed dwar ‘undesirable effects’ pero dan ma jekwiparawx ma’ periklu imminenti. Il-konkluzzjonijiet tat-Tribunal huma biss suppozizzjonijiet. Il-fatt wahdu ta’ ksur ta’ kondizzjonijiet ta’ permess bhala zieda u gageg u nuqqas ta’ monitoragg jaghti lok ghal ksur ta’ kondizzjonijet izda ma jfissirx li hemm periklu imminenti. L-appellant jissottometti illi n-natura ta’ stabbiliment tal-akwakultura hi per se wahda li thalli xi forma ta’ impatt fuq l-ambjent ghax l-operazzjoni tinvolvi numru kbir ta’ hut li jingabar f’gagga u jitrabba fil-bahar. Hemm element ta’ hmieg li jigi prodott u ghalhekk hemm htiega ta’ monitoragg. Pero fis-sajf tal-2016 meta nqalghu l-fatti li taw lok ghal vertenza qatt ma kien hemm periklu ghall-ambjent. Kien hemm sitwazzjoni fejn certi karatteristici kibru aktar minn normal imma qatt ma kien hemm periklu imminenti ghall-ambjent. L-appellant izid illi fl-istabiliment ta’ kummerc fis-sajf tal-2016 ma kienx hemm hut u ma kinitx issir operazzjoni ta’ trobbija ta’ hut u ghalhekk ma setax ikun hemm sors ta’ periklu imminenti ghall-ambjent;

2. It-Tribunal ma ikkonsidrax li din il-procedura ippregudikat id-decizjonijiet tal-appellanti fi proceduri ohra quddiem it-Tribunal dwar enforcement notices ohra fuq l-istess mertu u ghalhekk illediet id-dritt ghal smigh xieraq;
3. L-impozizzjoni ta’ multi amministrattivi f’din l-emergency order hi ta’ natura kriminali ossia punittiva u tikser il-Kostituzzjoni u d-dritt fondamentali tal-persuna billi l-persuna koncernata tkun giet ikkundannata minn entita li mhix Qorti.

**L-ewwel aggravju**

Dan l-aggravju hu ftit differenti minn dawk decizi illum stess cioe 31/2018, 32/2018 u 34/2018 li jirrigwardaw ukoll hrug ta’ ordni ta’ emergenza ta’ enforzar rigward ksur fil-kondizzjonijet relatati ma uzu ta’ fish farms. Dan peress illi filwaqt li fit-tlett appelli l-ohra meta inhareg l-ordni l-attivita tat-trobbija tal-hut kienet ghaddejja, f’dan il-kaz ma kien qed isir ebda trobbija ta’ hut fil-fish farm ta’ Kemmuna. Din il-Qorti taghmel referenza ghal principji li ghandhom jiggwidaw il-hrug ta’ ordni ta’ emergenza ta’ enforzar meta jkun hemm periklu imminent imsemmija fl-appelli l-ohra. Fl-appelli l-ohra l-hrug tal-ordni tqies ragonevoli peress li apparti zieda ta’ gageg oltre dak permess u bdil fil-pozizzjoni fejn kellhom ikunu u nuqqas assolut ta’ monitoragg tal-attivita kellu jitqies li dan kien ta’ periklu imminenti u immedjat ghall-ambjent. F’dan il-kaz jirrizulta mix-xiehda tac-Chairman Ezekuttiv Johann Buttigieg illi f’dan il-fish farm la kien hemm hut u naqas ‘affluent’ jew hmieg mill-gageg. Ghalhekk ghalkemm jirrizulta illi kien hemm irregolaritajiet u illegalitajiet fil-permess u nuqqas ta’ monitoragg, din il-Qorti tqis illi s-sitwazzjoni f’dan il-kaz kienet differenti mis-sitwazzjoni fil-farms l-ohra ghax naqset il-prova necessarja li l-ambjent kien jew x’aktarx kien ser isofri hsara serja hafna mill-attivita tat-trobbija tal-hut. Dan ghax ma kienet qed issir ebda trobbija ta’ hut meta harget l-emergency order. Il-fatti, b’differenza mill-fatti fil-farms l-ohra ma kienx tali li setghu inducew lic-Chairman Ezekuttiv juza dan il-poter eccezzjonali cioe ‘emergency order’ li maghha hi marbuta l-hsara imminenti jew il-potenzjal ragonevoli ta’ hsara imminenti.

Il-Qorti ma taqbilx mal-Awtorita li sostniet fir-risposta tal-appell illi l-ewwel zewg aggravji ma tressqux quddiem it-Tribunal u ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex tiehu konjizzjoni taghhom. It-Tribunal qies li l-aggravju principali tal-appellanti odjern kien li dak kontenut fl-avviz ta’ enforzar ma kienx minnu. Dan fih innifsu ippostula d-

domanda inizjali jekk l-avviz ta’ enforzar harigx kif imiss cioe jekk dawn il-illegalitajiet, jekk jezistu, kienu ipoggu periklu imminenti li innecessita ‘emergency order’. Tali indagni hi wahda ta’ ordni pubbliku ghax tmur ghall gherq innifsu tal-avviz. Tali kwistjoni tqajmet fis-sottomissjonijiet u l-Qorti tqis li hi kwistjoni li tohrog mill-aggravji tal-appellant ghalkemm mhux direttament spjegata fl-appell izda imlahhma fil-kors tat-trattazzjoni. Bl-istess mod il-Qorti tqis li ma kienx jispetta lil appellant igib il-prova tal-periklu imminenti imma kien jinkombi fuq min fassal l-avviz ta’ enforzar li jgib tali prova anki jekk ma kienx hemm attivita ghaddejja.

Billi l-hrug tal-ordni kien jiddependi minn dan il-fatt ta’ periklu u ma kienx jew seta’ kien ragonevolment ippruvat billi l-irregolaritajiet wahedhom setghu biss ipotetikament iwasslu ghal periklu jekk hi konnessa ma’ attivita li qed issir jew ser issir fl-immedjat futur, il-Qorti tqis li l-ordni ghandu jigi dikjarat null u bla effett. La darba dan l-aggravju qed jigi milqugh, ma hemmx lok li jigu kunsidrati l-aggravji l-ohra.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa’ l-ewwel aggravju tal-appellanti, tirrevoka d-decizjoni tal-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-3 ta’ Mejju 2018, u tiddikjara null u bla effett l-avviz ta’ enforzar 405/16. Spejjez ghall-Awtorita.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur